32006D0648

27.9.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 267/41

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Settembru 2006

li jistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-istandards għall-karatterisiċi bijometriċi marbuta mal-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

(notifikata bid-dokument numru C(2006) 3699)
(Huma awtentiċi biss it-testi biċ-Ċek, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Pollakk, il-Portugiż, l-Iżvediż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispajnol u l-Ungeriż)
(2006/648/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)[1], u partikolarment l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2004/512/KE stabbiliet il-VIS bħala sistema għall-iskambju tad-dejta tal-viża bejn l-Istati Membri u tagħti l-mandat lill-Kummissjoni biex tiżviluppa l-VIS li tikkonsisti fis-Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Viża, Interface Nazzjonali f'kull Stat Membru u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni bejn is-Sistema Ċentrali ta' Informazjoni dwar il-Viża u l-Interfaces Nazzjonali.(2) Hu xieraq li l-iżvilupp tal-VIS ikun jinkludi miżuri preparatorji meħtieġa għall-karatterisitiċi tal-bijometrija li għandhom jiġu inkorporati fi stadju ulterjuri.

(3) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19-20 ta' Frar 2004 dwar l-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) stipulat ir-rekwiżiti għall-identifikaturi bijometriċi li għandhom ikunu koerenti mas-Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

(4) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2005 dwar l-inklużjoni tad-dejta bijometrika fil-viżi u l-permessi ta' residenza jitolbu lill-Kummissjoni biex tagħmel l-isforzi meħtieġa biex l-attivazzjoni tal-identifikaturi bijometriċi fl-iżvilupp tal-parti ċentrali tal-VIS titressaq għall-2006.

---

[1] ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5.

(5) Hu neċessarju li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-istandards għall-karatterisitiċi bijometriċi għall-iżvilupp tal-VIS sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu miżuri preparatorji biex iqabbdu s-sistemi nazzjonali mas-Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni dwar il-Viża

(6) Il-kwalità u l-kredibilità tal-identifikaturi bijometriċi hi ta' importanza kbira. Għalhekk hu meħtieġ li jiġu ddefiniti l-istandards tekniċi li għandhom jippermettu li jiġu ssodisfati l-ħtiġiet tal-kwalità u tal-kredibilità. Din għandu jkollha implikazzjonijiet finanzjarji u tekniċi serji għall-Istati Membri.

(7) Din id-deċiżjoni ma toħloq l-ebda standard ġdid; Hi koerenti mal-istandards tal-ICAO.

(8) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[2], ir-Renju Unit ma ħax sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2004/512/KE u mhux marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha għaliex din tikkostitwixxi żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen. Għaldaqstant, ir-Renju Unit mhux destinatarju ta' din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(9) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen[3], l-Irlanda ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2004/512/KE u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha għaliex din tikkostitwixxi żvilupp fuq id-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen. Għaldaqstant, l-Irlanda mhix destinatarju ta' din id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(10) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, fit-13 ta' Awwissu 2004 id-Danimarka ddeċidiet li timplimenta d-Deċiżjoni 2004/512/KE fil-liġi Daniża. Id-Deċiżjoni 512/2004/KE għalhekk torbot lid-Danimarka taħt il-liġi internazzjonali.

(11) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, id-Deċiżjoni Nru 512/2004/KE tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fl-ambitu tat-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati bl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[4], li jaqgħu taħt l-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, punti B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mir-Repubblika tal-Iżlanda u mir-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[5].

---

2 ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
3 ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
4 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
5 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

(12) Fir-rigward tal-Iżvizzera, id-Deċiżjoni Nru 2004/512/KE tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fl-ambitu tat-tifsira tal-Ftehim iffirmat mill-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Iżvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu taħt l-oqsma msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

(13) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)[6].

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-istandards għall-karatterisitiċi bijometriċi relatati mal-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża huma stabbiliti fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika ta' Ċipru, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Gran-Dukat tal-Lussemburgu, lir-Repubblka tal-Ungerija, lir-Repubblika ta' Malta, lir-Renju tal-Olanda, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Rumanija, lir-Repubblika ta' Slovenja, lir-Repubblika Slovakka, lir-Repubblika tal-Finlandja u lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Settembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Franco FRATTINI

Viċi-President

[6] ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4.

ANNESS

1. GĦAN

Dan l-anness jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi relatati mal-istandards u l-formati tal-input li għadhom jiġu ssodisfati meta jieħdu u jittrażmettu d-dejta lis-CS-VIS. Aktar speċifikazzjonijiet għandhom jiġu żviluppati fi stadju ulterjuri meta jiġu ddefiniti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati tas-Sistema ta' Tqabbil Bijometriku (SBT)

2. FORMAT TAL-FAJL U TAL-KOMPRESSJONI

Il-format tal-input tad-dejta alfanumerika u tal-immaġini tal-marki tas-swaba' hi konformi mal-format speċifikat ANSI/NIST-ITL 1 — 2000 L-aħħar interpretazzjoni ta' dan il-format ġiet żviluppata mill-grupp Interpol AFIS Expert f'Ottubru 2005 (verżjoni 4.22b). Il-format ta' kompressjoni li għandu jintuża' hu WSQ.

3. APPARAT

Is-CS-VIS għandu jkun kompatibbli u interoperabbli mal-apparat ta' *live scan*, użat fuq livell nazzjonali li jkun jista' jieħu u jaqsam f'biċċiet sa għaxar marki tas-swaba' ċatti individwali.

3.1. Riżoluzzjoni

Ir-riżoluzzjoni minima aċċettabbli hi 500 dpi b'256 *grey levels*.

4. REKWIŻITI

Għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin, għall-użu ta' apparat ta' *live scan*.

4.1. Kwalità

Is-CS-VIS għandu jkun żviluppat bil-limiti ta' kwalità biex ikun jista' jieħu l-marki tas-swaba' mill-NS-VIS. Għandha titwettaq spezzjoni fuq il-kwalità qabel ma jintbagħtu l-immaġini għas-CS-VIS, li jridu jkunu skont l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jiġu ddefiniti. L-immaġini tal-marki tas-swaba' li ma jissodisfawx il-limiti tal-kwalità ddeterminati mis-CS-VIS ser jiġu rrifjutati. Il-limiti tal-kwalità jistgħu jiġu modifikati fil-ħin.

4.2. Segmentazzjoni

Is-segmentazzjoni hi proċess li tissepara kull immaġini ta' għadd ta' swaba' flimkien f'għadd ta' immaġini ta' seba' wieħed. Is-segmentazzjoni għandha titwettaq fuq livell nazzjonali qabel l-ispezzjoni tal-kwalità, peress li l-ispezzjonijiet tal-kwalità jistgħu jsiru biss fuq immaġini ta' seba' wieħed.

Is-CS-CS-VIS għandha tiġi żviluppata biex taċċetta biss l-immaġini tal-marki tas-swaba' ssegmentati.

4.3. Sekwenza

Is-sekwenzar hu proċess li jidentifika swaba' speċifiċi għal kull immaġini ċatta tal-marki tas-swaba' biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni u s-sekwenza kif suppost. Is-CS-VIS għandu jiġi żviluppat biex jaħżen l-ordni tal-immaġini trażmessi tal-marki tas-swaba' maqsuma f'biċċiet u f'sekwenza.